# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA    MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)    ĦIN: 20 MINUTA**

**Karta ta' l-Għalliema**
**Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**
**Riżorsi:**

1. Test li jinqara
2. Karta tal-mistoqsijiet
3. Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• ser tinqralhom l-istorja ***"Btala sa Disneyland"***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • se jinqralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

**IR-RABA' SENA MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) ĦIN: 20 MINUTA**

## Btala sa Disneyland

***L-ewwel parti***

1. Is-sena l-oħra, Reno u oħtu Silvia għamlu l-preċett u bħala rigal il-ġenituri tagħhom ħaduhom sa Disneyland fi Franza.

2. Kien il-Ħamis. It-tfal kienu eċitati ħafna għax kienet l-ewwel darba li se jirkbu ajruplan. Huma u jirkbu l-ajruplan iltaqgħu ma' l-assistenti ta' l-ajru u mal-bdot.

3. It-titjira damet madwar tliet sigħat. It-tfal kellhom seba' mitt sena biex jaslu. X'ħin waslu Pariġi, sabu kowċ tistenniehom. Din ħadithom mill-ewwel fil-lukanda fejn kienu se jqattgħu ħamest ijiem.

4. Mil-lukanda qabdu kowċ oħra roża li ħadithom quddiem il-Parks ta' Disney. Hekk kif daħlu l-park, qabdu ferrovija li ħadithom dawra madwar il-post. Kien hemm ħafna kuluri u l-mużika ma waqfet qatt. It-tfal tgħidx kemm ħadu gost jieħdu r-ritratti ma' Mickey Mouse, Minnie Mouse u l-karattri l-oħra ta' Disney.

***It-tieni parti***

5. It-tfal telgħu fuq ħafna attrazzjonijiet. Reno u Silvia xtraw xi pupi mill-ħwienet. Ħallsu bil-munita ta' l-ewro.

6. It-temp kien sabiħ għax m'għamlitx xita imma xorta kienet kesħa xxoqq l-għadam. Il-Ħadd filgħodu qattgħuh fl-istudjows ta' Disney. Dan il-park hu mimli b'xows spettakulari taċ-ċinema. Reno tgħidx kemm ħa gost jara l-karozzi u l-muturi jaqbżu minn ġon-nar.

7. Dak inhar filgħaxija, il-familja kollha marret dawra ma' Pariġi. L-aktar ħaġa li nteressathom kien it-torri Eiffel li kien kollu mixgħul.

8. It-Tnejn kienet l-aħħar ġurnata tagħhom. Qamu, ħadu l-kolazzjon u qabdu kowċ lura lejn l-ajruport ta' Orly f'Pariġi. Minn hemm qabdu titjira lura lejn Malta.

9. Din kienet esperjenza li dawn it-tewmin ma kienu se jinsew qatt għax, barra li rikbu l-ajruplan għall-ewwel darba, kienu żaru post tal-ħolm!

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| IR-RABA' SENA | MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 MINUTA |
|---|---|---|

**Isem u Kunjom:** ______________________________________

**Klassi:** __________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

| Marki: | 1 | (2 marki) |
|---|---|---|
| | 2 –12 | (marka kull waħda) |
| | 13 | (2 marki) |

**Total: 15-il marka**

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

1. Liema sena kienet meta t-tfal marru Disneyland?
   - 2006
   - 2007
   - 2008
   - 2009

2. Għaliex tawhom dan ir-rigal il-ġenituri tagħhom?
   - Għax għamlu l-preċett
   - Għax għamlu l-griżma
   - Għax iżżewġu
   - Għax għalqu żmienhom

3. F'liema pajjiż marru?
   - L-Amerika
   - L-Ingilterra
   - Franza
   - L-Italja

4. Kemm damet it-titjira?
   - Siegħa
   - Sagħtejn
   - Ħames sigħat
   - Tliet sigħat

5. Kemm kienu se jdumu Franza?
   - Erbat ijiem
   - Ħamest ijiem
   - Għaxart ijiem
   - Sitt ijiem

6. Liema minn dawn hu karattru ta' Disney?
   - Enid Blyton
   - Superman
   - Spiderman
   - Mickey Mouse

***It-tieni parti***

7. Liema munita użaw fi Franza?
   - L-isterlina
   - L-ewro
   - Id-dollaru
   - Il-lira Maltija

8. Xi tfisser 'kesħa xxoqq l-għadam'?
   - Ħafna sħana
   - Kisru idhom
   - Ħafna kesħa
   - Ħafna xita

9. X'raw Pariġi?
   - Il-Vatikan
   - Il-Piramidi
   - It-Torri ta' Pisa
   - It-Torri Eiffel

10. Xi tfisser ***kolazzjon***?
    - Ikla ta' filgħodu
    - Ikla ta' filgħaxija
    - Ikla ta' nofsinhar
    - Ikla ta' nofs il-lejl

11. L-ajruport ta' Orly qiegħed
    - Ruma
    - Madrid
    - Pariġi
    - Valletta

12. Reno u Silvia huma
    - kuġini
    - tewmin
    - zijiet
    - ħbieb

13. Kelma oħra flok ***bdot***
    - kaptan
    - pirata
    - pilota
    - pulizija

**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| **IR-RABA' SENA** | **MALTI (KITBA)** | **ĦIN: siegħa u kwart** |
|---|---|---|

Isem : ______________________________

Klassi : ______________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



***Aqra sew din is-silta.***

## ***Ommi!***



Meta ġejt lura mill-iskola, ommi kienet bit-telefown ma' widintha u b'mazz karti quddiemha. Kienet qiegħda titkellem man-nanna fuq it-telefown. In-nanna kienet qed teqred u titlob lil ommi biex teħodha taqta' xagħarha. *(par. 1)*

Fuq dawk il-karti kellha xi kontijiet li riedet tħallas, xi noti u xi riċetti. Lili kienet għadha kif ħaditni għal *check-up* għax ma kontx qed nara l-*whiteboard* sewwa u filfatt kelli bżonn nuċċali. *(par. 2)*

Ħija kien ma jiflaħx u għalhekk kellha wkoll ir-riċetta tal-mediċina. Oħti kienet għaddiet lejl tibki bi snienha, u għalhekk fuq karta oħra kellha miktub il-ħin ta' l-appuntament li kienet għamlitilha mad-dentista. *(par. 3)*

Kellha nota ta' xi affarijiet li missieri ried jixtri biex isewwi l-karozza. Kellha wkoll karta oħra fejn kellha miktub it-titqib li kien ħa l-ġeru tagħna u meta kien imissu jieħu titqiba oħra. *(par. 4)*

Dak il-ħin, kont qed inħares lejn ommi u naħseb. Ommi ħarset lejja wkoll, tbissmitli u ppuntat subgħajha lejn il-kċina. Minn hemm kienet ħierġa riħa tfuħ ta' ikel. Fil-forn kien hemm l-għaġin u fuq in-nar kien hemm il-brodu għal ħija. *(par. 5)*

Kemm nammiraha lil ommi! Kemm nixtieq li la nikber insir bħalha! Hi tlaħħaq ma' kollox u dejjem bi tbissima. Lill-Mulej kuljum nitolbu biex iberikha u jieħu ħsiebha, ħalli tkompli tagħtina l-eżempju tajjeb b'ħajjitha. *(par. 6)*

Kitba ta' Celine Sacco

*A. Issa aqra, ifhem u wieġeb b'***sentenzi sħaħ**.
*Tagħmilx żbalji fil-kitba.* ***(22 marka)***

1. Minn fejn kienet ġejja l-awtriċi ta' din l-istorja? (*par. 1*)

____________________________________________________________(1)

2. Min kien hemm fuq it-telefown m'omm l-awtriċi? (*par. 1*)

____________________________________________________________(1)

3. X'riedet in-nanna? (*par. 1*)

____________________________________________________________(1)

4. Semmi żewġ affarijiet li kellha quddiemha omm l-awtriċi f'dak il-mazz karti? *(par. 2, 3, 4)*

____________________________________________________________(2)

5. Min ma kienx jiflaħ? (*par. 3*)

____________________________________________________________(1)

6. X'kienet sajret dak in-nhar omm l-awtriċi? (*par. 5*)

____________________________________________________________ (2)

7. L-awtriċi tammira ħafna 'l ommha. Għaliex? (*par. 6*)

______________________________________________________________

____________________________________________________________(1)

8. Bħal min tixtieq issir int la tikber, u għaliex?

______________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

9. Aħna ngħidu **mazz karti**. X'ngħidu għal dawn li ġejjin?

(a) ________________ għeneb (1)

(b) ________________ ħajt (1)

(ċ) ________________ nemel (1)

(d) ________________ tiben (1)

(e) ________________ flus (1)



10. Oħt l-awtriċi kellha snienha juġgħuha u għalhekk kellha appuntament mad-dentista.



Agħżel il-kelma t-tajba mill-kaxxa.

| | | |
|---|---|---|
| veterinarju | *hairdresser* | tabib |
| spiżjar | bankier | mekkanik |

(a) tirranġalek xagħrek ____________________ (1)

(b) isarraf ċekk ____________________ (1)

(ċ) jgħinek tfiq meta tkun ma tiflaħx ____________________ (1)

(d) mingħandu tixtri l-mediċina ____________________ (1)

(e) isewwi l-karozza ____________________ (1)

(f) jagħti titqiba lill-ġeru ____________________ (1)

*B. Agħti l-plural.* ***(6 marki)***

| | |
|---|---|
|  karta |  *karti* |
| karozza | |
| omm | |
| nanna | |
| borma | |
| ħsieb | |
| nuċċali | |

## *Ċ. Ikteb kliem flok numri.* ***(10 marki)***



Nhar is-Sibt, (10) __________ ta' Novembru, jagħlaq żmienu ħija u għalhekk qed nippreparawlu festin. Ħija se jagħlaq (7) __________ snin. Dakinhar fid-(9) __________ għandu t-trejning tal-futbol. Se jispiċċa mit-trejning fil-(11) __________. Fit-(3) __________ ta' wara nofsinhar għandu festin ieħor ta' ħabib tiegħu għax jagħlaq żmienu miegħu. Allura aħna se norganizzawlu l-festin tiegħu fis-(6) __________ ta' filgħaxija.

Ommi diġà xtrat l-ikel li se ssajjar. Missieri lesta xi (20) __________ bużżieqa. Mhux se nkunu ħafna nies, xi (15) ___________ persuna b'kollox, u se nagħmlu kollox id-dar. Jien xtrajtlu ktieb sabiħ. Infaqtlu (17)__________ ewro u ċerta li se jogħġbu għax fuq l-ajruplani. Ommi u missieri xtrawlu (2) __________ logħbiet għal fuq il-kompjuter. Nispera li dik tkun ġurnata sabiħa għal ħija.

## *D. Poġġi l-Artiklu* ***(7 marki)***

F'Malta, hemm bżonn li nibdew nisseparaw **l- i**skart bħal pajjiżi oħrajn. B'hekk inkunu qed innaqqsu ___ livell ta' tniġġiż. Dan ser jgħin biex nibdew nirriċiklaw ___ karta, ___ kartonċin, il-plastik, ___ tajers, il-batteriji, ___ njam, ___ metall, il-kompjuters, il-ħġieġ u skart goff.

Għandna noqogħdu attenti għal dawk l-affarijiet li nixtru u għal dawk li narmu. Għandna nippruvaw innaqqsu ___ żibel li narmu billi nerġgħu nużaw xi prodotti u kontenituri, insewwu ċerti affarijiet u nixtru prodotti magħmulin minn kontenituri riċiklabbli.



*E. Għaqqad f'kelma waħda l-kliem fil-parentesi billi tuża l-Pronomi.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(5 marki)***

Toni u Lina kienu sejrin jagħmlu qadja għal (**omm tagħhom**) ommhom, meta f'daqqa waħda ħareġ kelb ifferoċjat minn ġo sqaq. Lina tgħidx kemm werżqet. (**Il-wiċċ tagħha**) __________ bjad u nfexxet tibki. Toni b'ġirja ħabbat (**il-bieb tagħna**) __________ biex jgħajjat għall-għajnuna. Peress li Toni u Lina huma (**ħbieb tiegħi**) __________, (**missier tiegħi**) __________ fetħilhom u daħħalhom ġewwa sakemm jitlaq il-kelb. Ommi ċemplet l-għassa u (**avżat lilhom**) __________ li kien hemm kelb selvaġġ fit-triq u li seta' jweġġa' lil xi ħadd.



*F. Aħdem dak li hemm miktub fil-parentesi u iktbu fuq il-linja.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(5 marki)***




Bejn iċ-Ċirkewwa u l-(**singular ta'** ***portijiet***) port ta' l-Imġarr f'Għawdex, jitħaddem servizz bil-vapur. Dan (**verb mill-għerq** ***ġ-r-r***) __________ kemm passiġġieri u (**kelma oħra flok** ***vetturi***) __________, kif ukoll merkanzija. Illum hemm (**ikteb fi kliem in-*numru* 3**) __________ vapuri. Fis-Sajf jiżdiedu l-(**plural ta'** ***vjaġġ***) __________, filwaqt li fix-Xitwa ġieli jiġu sospiżi minħabba (**ikteb l-artiklu**) _____ maltemp.

*Ġ. Aqra din l-istorja.*
*Wara ikteb iż-żgħar ta' l-annimali fil-kaxxi ta' taħt.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(6 marki)***

**Ġurnata fir-Razzett ta' Żeppi ta' Kurun**

Kien il-Ġimgħa u flimkien mal-familja morna ġurnata fir-razzett ta' Żeppi ta' Kurun. Iltqajna ma' Mananni, il-mara ta' Żeppi. Kif wasalna, ħaduna naħilbu l-mogħoż u wara ġiżżejna n-ngħaġ. Morna wkoll nitimgħu t-tiġieġ, ġbarna l-bajd u tajna nieklu l-fniek. Rajna wkoll il-baqar u l-ħmir. Għal nofsinhar Mananni lestitilna platt bil-ġbejniet u l-ħaxix u wara tatna platt imqarrun il-forn. Tatna wkoll tazza ħalib frisk u xi frott. B'żaqqna mimlija morna niġbru t-tiben. Jien qgħadt fuq wara tal-vann u miegħi kien hemm Lippu, il-kelb ta' Żeppi. Kemm ħadt gost fir-razzett ta' Żeppi. Din il-ġurnata żgur li mhu se ninsieha qatt!

| | |
|---|---|
| **mogħża** | gidi |
| **nagħġa** | |
| **tiġieġa** | |
| **fenek** | |
| **baqra** | |
| **ħmar** | |
| **kelb** | |





*G. Agħżel l-aħjar aġġettiv għal ma' dawn in-nomi.* ***(4 marki)***

1. ballun ___ġdid___ ( ġdid, ċajtier, għajjien, bravu)
2. ħalib __________ (arjuż, storbjuż, frisk, inkejjuż)
3. minestra __________ (bajda, kwieta, pastaża, sħuna)
4. klassi __________ (storbjuża, mielħa, ħafifa, friska)
5. tifel __________ (imdallam, bravu, vjola, mifqugħ)

*GĦ. Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn GĦAXAR SENTENZI dwar* ***wieħed*** *minn dawn:* ***(20 marka)***

**1. Ħruq f'dar**

*Ikteb dwar kif kont fit-triq u minn ġo tieqa ta' dar tara ħiereġ ħafna duħħan.*

*Għid x'għamilt u x'ġara wara.*

**2. Ħarġa ma' ta' l-iskola**

*Għid fejn mort ma' ta' l-iskola u x'għamiltu inti u sħabek.*

**3. Il-kompjuter**

*Għid fejn u kif tuża l-kompjuter.*

**4. Il-ħallelin**

*Għid x'marru jisirqu l-ħallelin u kif inqabdu.*

**5. Vandaliżmu fi ġnien pubbliku**

*Ikteb storja fejn tirrapporta x'ġara fi ġnien pubbliku.*

*Tmiem il-Karta*